

32004R0639

L 102/9

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

7.4.2004

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 639/2004****tat-30 ta' Marzu 2004****dwar l-amministrazzjoni tal-flotot tas-sajd reġistrati fir-reġjuni l-aktar periferiċi tal-Komunità**

Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra t-trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 u l-Artikolu 299(2) ta' dan,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(1)</sup>,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-utilizzazzjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd skond il-Politika tas-Sajd Komuni <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Kapitolu III ta' dan, jistabbilixxi skema Komunitarja li taġġusta l-kapaċità tas-sajd tal-flotot ta' l-Istati Membri għal livell globalment kompatibbli ma' l-opportunitajiet tas-sajd.
- (2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2792/1999 tas-17 ta' Diċembru 1999 li jstabbilixxi r-regoli dettaljati u l-arranġamenti li jirrigwardjaw l-għajnuna strutturali Komunitarja fis-settur tas-sajd <sup>(3)</sup> ikopri l-modernizzazzjoni tal-bastimenti tas-sajd b'għajnuna pubblika u għajnuna pubblika għat-tiġdid tal-bastimenti tas-sajd.
- (3) L-importanza relattiva tas-settur tas-sajd f'dawn ir-reġjuni tiġġustifika l-konsiderazzjoni tas-sitwazzjoni strutturali, soċjali u ekonomika partikolari tar-reġjuni l-aktar periferiċi tal-Komunità (ir-reġjuni l-aktar periferiċi) fir-rigward ta' l-amministrazzjoni tal-flotot tas-sajd. Għal dan l-għan, id-disposizzjonijiet dwar l-amministrazzjoni ta' skemi ta' dħul/ħruġ u rtirar obbligatorju ta' kapaċità, fir-Regolament (KE) Nru 2371/2002, u-regoli fuq l-aċċess għal għajnuna pubblika għall-immodernizzar u tiġdid ta' bastimenti tas-sajd għandhom jiġu adattati għall-ħtiġijiet ta' dawn ir-reġjuni.
- (4) Kull żjieda fil-kapaċità ta' flotot reġistrati f'portijiet tar-reġjuni l-aktar periferiċi għandha wkoll tkun limitata għal waħda ġġustifikata mill-opportunitajiet tas-sajd lokali u d-daqs tal-flotot għandu jinżamm f'bilanċ ma' dawn l-opportunitajiet. Għal dan l-għan l-oġġettivi f'fissati fil-programmi ta' gwida multiannwali IV (MAGP IV) għal kull segment tal-flotta, kif stabbiliti fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/652/KE tad- 29 ta' Lulju 2002 li temenda d-Deċiżjonijiet 98/119/KE sat-98/131/KE sabiex

jittawwlu l-programmi ta' gwida multiannwali għall-flotot tas-sajd ta' l-Istati Membri sal-31 ta' Diċembru 2002 <sup>(4)</sup>, għandhom jitqiesu bħala livelli ta' referenza, jew l-ogħla limiti, għat-tkabbir tal-flotot reġistrati fid-dipartimenti bar-ranin Franċiżi, fl-Azores u fil-Madeira.

- (5) Livelli ta' referenza speċifiċi għandhom jiġu determinati għal segmenti ta' bastimenti reġistrati fil-Gżejjer Kanarji li għalihom ma ġie f'fissat ebda oġġettiv speċifiku fil-qafas tal-MAGP IV. Dawn il-livelli ta' referenza għandhom iqisu l-kapaċità tal-flotta lokali f'relazzjoni mal-possibbiltajiet ta' sajd.
- (6) Jeħtieġ li l-bastimenti reġistrati fir-reġjuni l-aktar periferiċi ma jitħallewx jiġu trasferiti u użati fiż-żoni kontinentali wara li jkunu approffittaw minn trattament aktar favorevoli fir-rigward ta' l-għoti ta' għajnuna pubblika u/jew kondizzjonijiet tad-dħul fil-flotta.
- (7) Hija ġġustifikata l-applikazzjoni għall-flotot reġistrati fir-reġjuni l-aktar periferiċi, ta' l-istess regoli dwar l-amministrazzjoni tal-kapaċità tal-flotta u l-għajnuna pubblika, li huma applikati għal bastimenti reġistrati fil-bqija tal-Komunità malli jintlaħqu l-livelli ta' referenza definiti f'dan ir-Regolament, u fi kwalunkwe każ mill-1 ta' Jannar 2007, ħlief għall-bastimenti li jkunu rċevew għajnuna pubblika għal tiġdid, fejn id-dħul fil-flotta jista' jsir sal-31 ta' Diċembru 2007.
- (8) Sabiex tiġi faċilitata l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jiġbru informazzjoni fuq bastimenti reġistrati fir-reġjuni l-aktar periferiċi. L-Istati Membri għandhom jipprovdu din l-informazzjoni lill-Kummissjoni, li għandha tagħmel ir-rapporti tagħha biex tiżgura trasparenza sħiħa fil-miżuri implimentati.
- (9) Billi regoli ġodda ġenerali għall-amministrazzjoni tal-kapaċità tal-flotot u għall-għajnuna pubblika ġew introdotti fir-Regolamenti (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 2792/1999 b'effett mill-1ta' Jannar 2003, l-arranġamenti speċifiċi għar-reġjuni l-aktar periferiċi wkoll għandhom japplikaw minn din id-data.
- (10) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri sabiex jiġu eżerċitati l-poteri ta' implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni <sup>(5)</sup>,

(1) Opinjoni mogħtija fl-4 ta' Diċembru 2003 (li għada ma ġietx ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

(2) ĠU L 358, 31.12.02, p. 59.

(3) ĠU L 337, 30.12.99, p. 10. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2369/2002 (ĠU L 358, 31.12.02, p. 49).

(4) ĠU L 215, 10.08.02, p. 23.

(5) ĠU L 184, 17.07.99, p. 23.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

### Artikolu 1

#### Livelli ta' referenza speċifiċi

1. Għas-segmenti tal-flotot reġistrati fir-reġjuni l-aktar periferiċi, kif indikati fl-Artikolu 299(2) tat-Trattat, għandhom japplikaw il-livelli ta' referenza speċifiċi għall-kapaċità tas-sajd li ġejjin:

- (a) għad-dipartimenti Franċiżi barranin, l-Ażori u l-Madejra: l-oġġettivi rispettivi tal-MAGP IV għal kull segment tal-flotta, espress f'kW u TG, għal kull reġjun l-aktar periferiku fl-aħħar ta' l-2002;
- (b) għall-Gżejjer Kanarji: livelli ta' referenza li l-punt tat-tluq tagħhom huwa l-kapaċitajiet f'kW u TG tas-segmenti tal-flotta rilevanti għal bastimenti reġistrati fil-portijiet tal-Gżejjer Kanarji fl-1 ta' Jannar 2003 u li jistgħu jiżdiedu fuq il-bażi ta' opportunitajiet ta' sajd għal dawn is-segmenti. Jistgħu jiġu ġġustifikati żjidiet sa l-oġġettivi li kienu jiġu adottati li kieku l-proċeduri tal-MAGP IV kienu japplikaw għal dawn is-segmenti partikolari, u dawn għandhom ikunu skond il-pariri xjentifiċi l-aktar reċenti irratifikati mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku tas-Sajd stabbilit skond l-artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

2. Ir-regoli ta' implimentazzjoni għal dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati skond il-proċedura riferita fl-Artikolu 5(2).

### Artikolu 2

#### Tiġdid u modernizzazzjoni tal-flotot

Għas-segmenti tal-flotta koperti bl-Artikolu 1(1):

- 1. b'deroga mill-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002:
  - (a) kapaċità ġdida tista' tidħol fil-flotta, bl-ghajjnuna pubblika jew mingħajra, fil-limiti tal-livelli ta' referenza speċifiċi indikati fl-Artikolu 1,
  - (b) l-obbligu tat-tnaqqis fil-kapaċità totali tal-flotta bi 3 % tal-livelli ta' referenza ma tapplikax;
- 2. b'deroga mill-Artikolu 9(1)(c)(i) tar-Regolament Nru 2792/1999, tista' tingħata għajjnuna pubblika għall-modernizzazzjoni tal-flotta f'termini ta' tunnellaġġ u/jew qawwa;
- 3. id-deroga stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 hawn fuq m'għandhomx jibqgħu japplikaw malli jintlaħqu l-livelli ta' referenza, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2006;
- 4. b'deroga mill-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament Nru 2792/1999, għajjnuna pubblika għat-tiġdid ta' bastimenti tas-sajd tista' tingħata sal-31 ta' Diċembru 2005;

- 5. Minkejja l-paragrafu 3 hawn fuq, għal bastimenti tas-sajd li jkunu rċevew għajjnuna pubblika għal tiġdid, id-deroga fil-paragrafu 1(a) hawn fuq ma tibqax tapplika sentejn wara li tkun ingħatat l-ghajjnuna pubblika għat-tiġdid u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2007.

### Artikolu 3

#### Trasferiment ta' bastimenti għal żoni kontinentali

Kull trasferiment ta' bastiment minn reġjun l-aktar periferiku għaż-żona kontinentali għandu jitqies bħala dħul fil-flotta kontinentali fis-sens ta' l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002. Għajjnuna pubblika għat-tiġdid tal-flotta u għat-tagħmir jew modernizzazzjoni ta' bastimenti tas-sajd għandha tiġi rimborżata *pro rata temporis* fil-każ tat-trasferiment ta' bastiment għall-kontinent qabel it-tmiem ta' perijodu ta':

- (a) 10 snin fil-każ ta' għajjnuna pubblika għat-tiġdid tal-flotta; u
- (b) 5 snin fil-każ ta' għajjnuna pubblika għat-tagħmir jew modernizzazzjoni ta' bastimenti tas-sajd

li jridu jiġu ddatati miż-żmien li tkun ttieħdet id-deċiżjoni li tingħata l-ghajjnuna.

### Artikolu 4

#### Amministrazzjoni tal-kapaċità

1. L-Istati Membri għandhom jamministraw il-flotot reġistrati fir-reġjuni l-aktar periferiċi b'mod li jikkonforma ma' dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri għandhom iqiegħdu għad-disposizzjoni tal-Kummissjoni informazzjoni fuq bastimenti reġistrati fir-reġjuni l-aktar periferiċi tagħhom b'konformità ma' l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

3. Ir-regoli għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati skond il-proċedura riferita fl-Artikolu 5(2).

### Artikolu 5

#### Proċedura tal-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi mgħejjuna mill-Kumitat tas-Sajd u Akwakultura.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 4 sa 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi f'fissat għal 20 jum tax-xogħol.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

*Artikolu 6***Rappurtaġġ**

Il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport fuq l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2006.

*Artikolu 7***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan għandhu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2003.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-30 ta' Marzu 2004.

*F'isem il-Kunsill*

*Il-President*

M. McDOWELL

---